



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/0062(NLE)

26.10.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kongo dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresta, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
(10028/2010 – –C7-0170/2010 – 2010/0062(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Joly

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kongo huwa li tissaħħaħ il-governanza tal-foresti, li jiġu promossi l-prodotti tal-injam tal-Kongo, u li titjieb il-kompetittività tal-pajjiż fis-suq internazzjonali.

Minkejja l-aspirazzjonijiet ġustifikabbli tal-ftehim, il-Kumitat għall-Iżvilupp jixtieq ifakkar li jekk l-għanijiet u l-impenji tal-ftehim FLEGT jintlaħqu (it-tisħiħ tad-dritt għaż-żamma tal-art tal-komunità u d-dritt għall-aċċess, il-garanzija ta' parteċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili, b'attenzjoni speċifika għall-popli indiġeni, fit-tfassil tal-politika dwar kwistjonijiet marbuta mal-governanza tal-foresti; iż-żieda fit-trasparenza u t-tnaqqis tal-korruzzjoni) dan jitqies bħala suċċess.

F'dan ir-rigward, hemm mill-inqas żewġ kwistjonijiet li l-Kumitat DEVE jixtieq jisħaq fuqhom: minn naħa waħda, huwa importanti li jiġi żgurat proċess maħsub ta' riforma tal-governanza tal-foresti li jqijs il-bżonnijiet tal-komunitajiet u tal-popli indiġeni li jiddependu mill-foresti u li jkun ibbażat fuq l-involvement tas-soċjetà ċivili fil-leġislazzjoni u fil-ġestjoni parteċipattiva tal-foresti bl-għan li jitjiebu l-governanza tal-foresti u l-mekkaniżmi ta' infurzar, u tonqos il-korruzzjoni.

Min-naħa l-oħra, u marbuta mal-oġettivi msemmija aktar 'il fuq, il-ftehimiet għandhom jiddefinixxu regoli ċari li jindikaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' riforma tal-liġi, il-proċess biex is-sistema tat-traċċar tal-injam issir operattiva, it-twaqqif tal-qafas istituzzjonali u l-proċess biex tiġi sensibilizzata u tissaħħaħ il-kapaċità tal-atturi.

Fl-aħħar, il-Kumitat għall-Iżvilupp jixtieq jenfasizza l-fatt li għalkemm l-iskemi FLEGT u REDD (Emissjonijiet Imnaqqa mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti) jittrattaw l-utilizzazzjoni tal-foresti, dawn huma meqjusa bħala inizjattivi separati u huma amministrati minn ministri differenti fil-pajjiżi sħab. Konsegwentement, jenfasizza li mingħajr l-insistenza fuq il-governanza tajba u r-rikonossiment tad-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni, l-iskemi REDD jistgħu jaħarbu l-proċessi ta' konsultazzjoni (u meta jkun il-każ, ir-riformi tal-governanza u tal-liġi) li huma parti mill-proċess FLEGT. Għal din ir-raġuni, l-iskemi REDD għandhom jinbnew fuq il-proċess ta' konsultazzjoni FLEGT u jindirizzw il-kawżi sottostanti tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Charles Goerens, Catherine Grèze, Enrique Guerrero Salom, András Gyürk, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Birgit Schnieber-Jastram
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Horst Schnellhardt, Bart Staes
Sostituti (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eider Gardiazábal Rubial, Anna Ibrisagic, Miroslav Mikolášik